**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 12/2020

**Il-Ħamis 29 ta' Ottubru, 2020**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier *(li telaq fil-5.30pm)*
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Ryan Muscat - Accountant

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

12.1.1. Is-Sindku Dean Hili wara l'innota li l-membri kollha kienu preżenti, għadda għall-item li kien imiss.

### 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 11/K8/2020.

12.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 11/K8/2020 kif ippreżentati.

12.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.2.4 Is-Sindku Dean Hili ippropona sospensjoni tal-aġenda biex item 6 jiġi diskuss qabel item 3.

12.2.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.2.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 12.6 Rapport Finanzjarju Jannar – Settembru 2020.

12.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta r-rapport finanzjarju għall-perjodu Jannar – Settembru 2020. **(Ara Dok. 1)** Il-kelliem stieden lill-Accountant biex jagħti l-ispjega tiegħu.

12.6.2 L-Accountant Ryan Muscat ta l-ispjega tiegħu u ma kienx hemm mistoqsijiet partikulari.

12.6.3 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju għall-perjodu Jannar – Settembru 2020 kif ippreżentat.

12.6.4 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.6.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4613/20/I** Ittra mingħand Galea Cleaning Solutions JV fejn b'referenza għall-kuntratt PLC 2018/02 Collection of Mixed Household Waste in an Enviromental Friendly Manner, qed jitlob li jingħataw żieda biex ikopri l-ispejjeż u ż-żieda li kien hemm fis-servizz.

12.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4613/20/I** fejn il-kelliem talab il-parir tal-Accountant tal-Kunsill dwar il-vijabilità' tat-talba kif ukoll jekk tali talba hiex permessibbli skond ir-regolamenti u l-liġijiet tal-akwist.

12.3.2 L-accountant Ryan Muscat informa lill-Kunsill li tali żieda ma tistax tkun ikkunsidrata jekk tkun t'aktar minn 10% tal-prezz minħabba l-proċeduri tal-

akkwist, kif ukoll minħabba li tali talba għal żieda m'hijiex sostenibbli għall-finanzi tal-Kunsill.

12.3.3 Fid-dawl ta' dan is-Sindku Dean Hili ippropona li tali talba ma tistax tintlaqa' għax it-talba, għalkemm taf tkun veritiera, din twassal li jkollu joħroġ tender ġdid. Il-kelliem irrimarka li dan fid-dawl, kif ukoll fid-dawl li ma kien hemm ebda tibdil fis-servizz il-Kunsill m'għandux alternattiva għajr li joġġezzjona għal din it-talba, għalkemm ippropona li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-kuntrattur biex miegħu tiġi diskussa din it-talba, bil-possibilità, li jkun hemm talba ġustifikata u li tkun fil-parametri tal-liġi, din terġa' tiġi ikkunsidrata mill-Kunsill.

12.3.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.3.6 Fl-4.30pm, is-Sindku Dean Hili irringrazzja lill-Accountant Ryan Muscat u dan ħalla l-kamra.

**46/3952/20/I** Email mingħand il-CM tal-Kunsill bi proposta ta' programm ta' xogħol konness man-Non Urban, Soft Areas, u Parks and Gardens.

12.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3952/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dan il-programm li għandu jkun il-bażi ta' kif għandu jitqassam ix-xogħol, għalkemm kemm il-kuntrattur kif ukoll il-CM għandhom jingħataw il-faċilita' li jemendawh skond l-esiġenzi u n-natura tax-xogħol.

12.3.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4008/20/I** Ilment mingħand resident li joqgħod Triq Pietru D'Armenia dwar il-lampi tad-dawl li twaħħlu riċentament.

12.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4008/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkomunika mal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jara li din il-lampa possibilment tiċċaqlaq bi ftit ċentimetri aktar fil-għoli, u aktar bejn l-aperturi, kif ukoll li l-kuntrattur għandu jara jekk huwiex possibbli li l-wire jiġi mgħoddi mod ieħor sabiex ma jintlaħaqx bl-idejn.

12.3.11 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4009/20/I**
**46/4465/20/I** Emails separata mingħand il-Management tal-lukanda Radisson Blu u Corinthia Hotel fejn qed jistaqsu jekk il-Kunsill huwiex interessat li l-ħaddiema tagħhom jagħmlu xi xogħol bħala CSR fil-lokalita' fid-dawl li ħafna mill-ħaddiema m'għandhomx x'jagħmlu kawża tal-Covid-19.

12.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4009/20/I u 46/4465/20/I** fejn informa lil Kunsill li diġa kien ikkomunika mas-rappreżentant tal-lukanda sabiex jiġu diskussi l-possibilitajiet. Il-kelliem irrimarka li hija x-xewqa tal-istess staff l'issir clean up b'team żgħir ta' nies sabiex jiġu rispettati l-liġijiet u d-direttivi viġenti. Għal dan il-għan il-kelliem

ippropona li l-Kunsill għandu jiġi nformat li f'każ li jkunu ser jipproċedu b'dan il-mod il-Kunsill kien ser jiġi nformat. Finalment il-kelliem ippropona illi jekk, u meta din il-clean up isir, il-Kunsill jara li jkun hemm il-permessi meħtieġa u jipprovdi s-*supplies* meħtieġa.

12.3.14 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4021/20/I**
**46/4253/20/I** Email mingħand Eurobasket fejn b'referenza għall-laqgħa li kellhom mal-Kunsill qed jissuġġerixxu ftehim ta' koperazzjoni mal-Kunsill li jkopri 2/3 snin, liema ftehim fost affarijiet oħra jinkludi ukoll il-bdil tal-isem tagħhom biex jinkludu l-isem tal-lokal.

12.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4021/20/I u 46/4253/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħti s-sostenn tiegħu mingħajr obbligi finanzjarji, u dan in vista tal-fatt li l-lokalita` llum m'għandha l-ebda team tal-Basketball li jġib isimha.

12.3.17 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4035/20/I** Talba minn Skola Sport biex iż-żewġ parking bays li hemm fi Triq Falaise faċċata tal-iskola, fil-ħin ta' filgħodu temporanjament ikunu riservata għall-coaches li jgħaddu lit-tfal tagħhom li jmorru jagħmlu t-taħriġ f'faċilitajiet il-barra mill-iskola.

12.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4035/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni li Skola Sport tpoġġi tabelli temporanja biex tirriserva l-post fil-ħinijiet mitluba minnhom.

12.3.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4052/20/I**
**46/4083/20/I** Kwotazzjonijiet għall-provvista ta' safety barriers biex jintużaw biex jingħalqu t-toroq skond il-ħtieġa li jkun hemm minn żmien għal żmien.

12.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4052/20/I u 46/4083/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħżel l-irħas offerta u jiġu ordnata 6 plastik crowd safety barriers.

12.3.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4166/20/I** Stima ta' €1,150.00 mingħand il-Perit tal-Kunsill biex isir survey tas-sit tal-post pubbliku li hemm fi Triq San Patrizju.

12.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4166/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa ħalli l-Perit ikun jista' jipproponi lill-Kunsill b'disinn biex isir upgrading tal-ġnien li hemm fiż-żona ta' San Patrizju.

12.3.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4170/20/I** Ilment mingħand familja li joqgħodu Triq Mons L. Mifsud Tommasi jitolbu li jsir rain Water culvert minħabba li meta tagħmel ix-xita hemm possibilità li jegħreq il-basement tagħhom.

12.3.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4170/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar din it-talba għalkemm irrimarka li ladarba bix-xita li għamlet fl-aħħar ġimgħat ma kien hemm ebda għargħar, huwa prattikament impossibbli li tali xenarju iseħħ.

12.3.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4180/20/I** Email bi pjanta indikattiva mingħand il-Protezzjoni Ċivili, jindikaw l-iżvilupp li qed jaħsbu li jagħmlu fis-sit li hemm biswit Triq G. Henin.

12.3.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4180/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill joġġezzjona għall-proposta sottomessa fid-dawl li tali żvilupp huwa sostanzjali u ħafna mis-sit mhux ser jibqa' naturali.

12.3.32 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4192/20/I** Email mingħand l-artist Stephen Saliba jistaqsi lill-Kunsill meta jkun l-aħjar li jiġi inawgurat il-proġett artistiku li għamel f'Pembroke.

12.3.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4192/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkuntattja mill-ġdid lill-Ministeru sabiex jara meta u kif dan huwa possibbli li jsir, u fakkar li l-Kunsill f'laqgħa preċedenti diġa ikkommetta ruħu għal din l-attività bi spiża minima. Il-kelliem fakkar li naturalment f'dan l-istadju mhuwiex possibbli li jsiru attivitajiet b'refreshments kif kien oriġinalment maħsub.

12.3.35 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4289/20/I** Rapport mingħand il-CM dwar att vandalu u ħsarat li saru fuq bankijiet tal-ħadid li hemm fil-picnic area ta' Triq Anzio.

12.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4289/20/I** fejn ippropona li jitqabbad il-persuna li tqabbad riċentament biex isewwi l-ħsara li hemm.

12.3.38 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4308/20/I** Talba minn sportiva biex id-dawl tal-multi purpose court ta' Ġnien 4 ta' Lulju jibda ikun mixgħul wara inżul ix-xemx.

12.3.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4308/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinstalla timer biex dan il-court jibda tinxtgħel sad-9:00pm u jintefa' awtomatikament, inkluż li titpoġġa tabella li tindika li d-dawl

ser ikun mitfi u li l-court ser jibda jissakkar minn voluntier ta’ Skola Sports, inkluż ukoll nota kontra l-vandaliżmu.

12.3.41 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4352/20/I** Proposta mingħand resident biex fil-lokal, fejn huwa possibbli isiru spazji fejn jipparkjaw muturi u scooters mingħajr ma jintilef spazju eżistenti għall-vetturi.

12.3.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4352/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal proposta simili u stieden lill-membri tal-Kunsill biex jindikaw postijiet fejn din tista’ issir.

12.3.44 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4440/20/I** Email mingħand l-AKL dwar skema li l-Ministeru għat-Turiżmu ser ikun qed inidi għal tħawwil ta’ siġar f’ żoni urbani fil-lokalita’.

12.3.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4440/20/I** fejn informa lill-Kunsill li preżentament ma jidhirx li fadal siti oħra fejn jista’ isir dan.

**46/4446/20/I** Email mingħand il-kuntrattur Ells Urban Services jinforma lill-Kunsill li kien lest li jġedded il-kuntratt suġġett li jekk il-Kunsill jitlob xogħol ta’ patching bil-hot tarmak, ir-rati għandhom jiġu riveduta, kif ukoll li jekk tul l-estensjoni jkun hemm aktar ċaqlieq fil-prezzijiet tal-qatran, ikollu jkun hemm diskussjoni ukoll dwar il-cold patching.

12.3.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4446/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba fid-dawl li l-maġġor parti tax-xogħol li jagħmel il-Kunsill ikun ta’ cold patching.

12.3.48 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4464/20/I** Fuq talba tal-Kunsill, il-Kunsill rċieva rakkomandazzjoni ta’ x’jista’ isir aktar fi Triq Alamein biex is-sewwieqa isuqu aktar bil-galbu minħabba l-iskejjel li hemm.

12.3.50 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4464/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jara li dawn jitpoġġew qabel u wara kull żebra crossing fi Triq Alamein u Triq Normandy kif ukoll fil-junction ta’ bejn Triq Alamein u Triq Suffolk u qabel u wara d-dħul ta’ St. Catherine High School. Il-Kelliem irrimarka wkoll li diġa elenka numru ta’ miżuri li attwalment hemm fit-triq u li kollha kemm huma ntiżi għal dan l-istess skop, iżda jibqa’ l-fatt li fl-aħħar mill-aħħar huma s-sewwieqa li huma responsabbli mill-aġir tagħhom - kemm dawk li jsuqu f’din it-triq, pero’ wkoll min jieqaf fil-karreġġjata b’mod illegali, jew saħansitra fuq il-bankini nfushom. Il-kelliem irrimarka li kien qiegħed jgħid dan fid-dawl tal-fatt li ġie kostrett iwieġeb pubblikament fuq rappurtaġġ selettiv li deher f’ġurnal lokali bl-ingliż. Ġie enfasizzat li l-Kunsill

qiegħed jagħmel il-parti tiegħu u staqsa x'kien qiegħed jagħmel ħaddieħor li jwieġeb għall-ġenituri ta' dawn l-istudenti. Dwar dan is-suġġett il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li kien hemm fil-pjanijiet l'issir laqgħa ma' l-għaqda ta' ġenituri li jirrappreżentaw il-ġenituri tat-tfal li jattendu l-iskola St. Michael's.

12.3.51 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li tali xogħol huwa stmat li jiswa madwar €7,000 - €8,000. Il-kelliem fakkar ukoll fit-talba tal-Community Police Team biex tinżabar aktar jew tinqala' s-siġra li hemm fit-tarf tal-passaġġ li mill-Pembroke P&R jagħti għaz-zebra crossing ta' Triq Alamein.

12.3.52 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda u żied li dwar is-siġra, viżwalment mhux qed tostakola kif qed jingħad u għalhekk m'hemm bżonn t'ebda intervent għajr li minn żmien għal żmien tinżabar bħal siġar oħra.

12.3.53 Il-Kunsill qabel unanimament.

**12.3.54 *Fil-5.30pm, il-Kunsillier Charles Cesare talab li jiġi skużat u ħalla l-kamra.***

**46/4514/20/I** Email mingħand l-AKL dwar President's Fun Walk 2020, fejn il-Kunsill qed jiġu mħeġġa jipparteċipaw billi jorganizzaw mixja fil-lokal stess bil-parteċipazzjoni ta' mhux anqas minn 100 persuna, ikunu l-Kunsill li jiġbru l-flus u jbiegħu l-materjal tal-mixja bil-fondi kollha jmorru għall-MCCF.

12.3.55 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4514/20/I** fejn ippropona li minħabba l-pandemija l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jinkoragixxi attivita' simili.

12.3.56 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4558/20/I** Email mingħand TM jinfurmaw lill-Kunsill li l-proposta ta' One way System fiż-żona ta' San Patrizju ġiet approva bi prova għall-perjodu ta' tlett xhur, suġġett li ma jkunx hemm ilmenti.

12.3.58 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4558/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lir-residenti permezz ta' ittra u kopja tad-disinn propost, fejn ir-residenti jingħataw żmien jikkumentaw qabel tiġi implimentata ħalli ma jkunx hemm problemi wara.

12.3.59 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.3.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4581/20/I** Stima ta' €89,880.60 mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill Mica Med Limited biex jinbidel id-dawl kollu ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta u issir installazzjoni ġdida.

12.3.61 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4581/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba in vista tal-fatt li d-dawl tal-ġnien ilu diffikultuż u problematiku ormai għal diversi snin. Il-kelliem irrimarka li dan il-proġett jaf jiġi iffinanzjat jew minn xi skema li hemm miftuħa għall-fondi jew issir applikazzjoni għall-fondi tal-UIF.

12.3.62 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.3.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4582/20/I** Stima ta' €24,073.18 mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill Mica Med Limited biex isir dawl fi Triq Napuljun Tagliaferro u parti minn Triq Camillo Sceberras, liema xogħol ser isir permezz ta' arbli fuq il-bankina.

12.3.64 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4582/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba in vista tal-fatt li l-istreet lighting fl-akwati huwa nieqes. Il-kelliem irrimarka li dan il-proġett jaf jiġi iffinanzjat jew minn xi skema li hemm miftuħa għall-fondi jew issir applikazzjoni għall-fondi tal-UIF.

12.3.65 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.3.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.3.67 Is-Sindku Dean Hili irrefera ukoll għar-railing ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta fejn ippropona li r-railing għandu jinqala' kollu u jsir railing ġdid bħal ma' sar fi Triq Burma. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jiġbor stima mingħand il-kuntrattur J&K Contractors biex issir filata tal-konkos madwar il-ħamrija kif ukoll biex jitpoġġew pajpijiet għad-dawl. Il-kelliem irrimarka li dawn l-istimi għandhom jingħaddu max-xogħol tad-dawl biex issir applikazzjoni waħda.

12.3.68 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.3.70 Is-Sindku Dean Hili ippropona li fil-parkeġġ li hemm fil-bidu ta' Triq Normandy minnaħa ta' Triq Juno, għandha teħel lampa tad-dawl fuq arblu tat-tip whip type, u għalhekk talab li tinħareġ works order lill-J&K Contractors biex jagħmlu t-trinka u works order lill-Mica Med Ltd. biex jissupplixxu l-arblu u l-lampa.

12.3.71 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.72 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.3.73 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li aktar kmieni mal-ġurnata kien hemm is-seduta tal-PA dwar l-applikazzjoni PA/09786/19 (Proposed Embassy of the People's Republic of China in Malta, including all ancillary facilities and excavation), fejn irrimarka li minħabba mpenji oħra huwa ma setax ikun parti mill-Bord u kien innomina lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg bħala sostitut tiegħu. Il-kelliem fakkar għal dak li kien qabel fuqu l-Kunsill f'Minuti 05/K8/2020 item 05.9.1 fejn il-Kunsill kien irrimarka li fid-dawl li l-Gvern Ċiniż diġa huwa sid tal-art wara li lura fil-5 ta' Marzu 2013, il-Gvern tal-ġurnata kien approva li jkun hemm tibdil fil-pjan lokali sabiex fis-sit indikat ikun permessibbli il-bini ta' Ambaxxata, l-Kunsill huwa tal-fehma li abbażi ta' NHPE07, filwaqt li l-Kunsill għandu jirrikonoxxi li hija għafsa ta' qalb għall-lokalita` li ser ikollha iċċedi medda art oħra verġni, mil-lat tan-naħa l-oħra fid-dawl taċ-ċirkostanzi il-Kunsill għandu jinsisti li:

- L-iżviluppatur għandu jesplora l-possibilità li l-iżvilupp propost jara li jiġu salvagwardati s-siġar endemiċi li hemm fuq is-sit billi l-iżvilupp jiġi emendat biex fejn huwa possibbli ma jagħmilx ħsara ambjentali,
- Li l-iżvilupp propost jiġi emendat biex kemm jista' jitħalla spazju li ma ttellifx il-vista tal-kosta minn Triq Suffolk,
- Peress li t-terren tas-sit huwa sloping u jinsab f'żona bejn bini skedat, il-bini propost għandu jkun baxx kemm jista' jkun u jikkumplimenta l-istrutturi eżistenti, biex b'hekk jitnaqqas l-impatt viżwali,
- Id-dħul u l-ħruġ tal-iżvilupp għandu jkun permezz ta' by lanes bil-ħsieb ma jiġix ostakolat it-traffiku;
- L-iżviluppatur għandu jipproteġi l-wirt militari li jista' hemm fuq il-post, fosthom spieri u/jew ġwiebi ta' żmien l-Ingliżi, prinċipalment billi l-proċess tal-iskavar tas-sit jirrispetta l-possibilità kbira li dawn jinstabu fis-sit u f'dak il-każ, jiġu protetti dawn il-fdalijiet militari;
- Kull fejn hemm blank Walls, għandu jiddaħħal il-kunċett ta' Green Walls ħalli l-iżvilupp ikun f'sintonija mal-ambjent tal-madwar.

12.3.74 Is-Sindku Dean Hili żied li fid-dawl li t-talbiet tal-Kunsill inkluż l-iżvilupp kif propost ma kienx għas-sodisfazzjon tal-Kunsill, il-vot tal-Kunsill fil-Bord tal-ippjanar kien kontra u dan wara konsultazzjoni li saret mal-membri tal-Kunsill qabel ittieħed l-istess vot. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li tali vot għandu jiġi ratifikat mill-Kunsill.

12.3.75 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.3.76 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.3.77 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-PA/10116/18 – St. Michael School, Triq Alamein, Triq Giorgio Mitrovich, Triq A.N.Z.A.C., Pembroke, Malta, fejn irrimarka li lura fis-26 ta' Novembru 2019, waqt laqgħa tal-Bord tal-PA, l-iżviluppatur kien ingħata sitt xhur ċans biex jissottometti jekk hemm il-ħtieġa PC application u pjan tat-trasport relatat mal-iskola, liema rapporti, safejn huwa magħruf għadhom ma ġewx sottomessa, u sadanittant l-iskola qed topera mingħajr qatt ma sar il-final compliance certificate, peress li l-parkeġġ li kellhom jipprovdu qatt ma sar. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jerġa' jqajjem din il-kwistjoni, anke fid-dawl tal-inċident riċenti u l-fatt li din l-iskola ġiet estiża biż-żieda tat-traffiku li ġabet magħha mingħajr ma provdiet spazju għall-vetturi imqar waħda fuq il-proprjetà tagħha.

12.3.78 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.79 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.3.80 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob permess lill-PA biex jiġi sanzjonat ix-xogħol konness ma' tpoġġija ta' ħamrija tul Triq G. Henin fejn eventwalment ser jinżergħu siġar minn IM.

12.3.81 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.82 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

12.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 12.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

12.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 31/2020** - PLC/Q/06/2020 - Kwotazzjoni għall-interactive panel **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 32/2020** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K8/20 u 11/K8/20 **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 33/2020** – Rapport tas-sottomissjonijiet tal-Kunsill vis-a-vis PA 9786/19 - Proposed Embassy of the People's Republic of China in Malta, including all ancillary facilities and excavation of site **(Dok. 4)**

12.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 32/2020** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

12.5.3 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

12.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.7 Tiġdid tal-Polza tal-Assigurazzjoni.

12.7.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-kumpanija tal-Assigurazzjoni kienet qed tgħolli l-ħlas dovut għall-assigurazzjoni, referenza **46/4431/20/I.** Wara diskussjoni li kien hemm, il-kelliem ippropona li din l-istima tiġi aċċettata.

12.7.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.8 Vettura għall-Pembroke / Swieqi Police Community Team.

12.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-laqgħa li saret bejn il-Kunsill Lokali Pembroke, il-Kunsill Lokali Swieqi u l-Pembroke/Swieqi Community Team dwar il-possibilità li ż-żewġ Kunsilli bejniethom ifornu lill-Police Community Team b'vettura biex ikunu jistgħu jagħmlu użu minnha fil-lokalitajiet rispettivi. Il-kelliem irrimarka li s-Sindku tas-Swieqi offra li jkellem kumpanija privata bil-possibilità' li jinstab benefattur. Fid-dawl ta' dan il-kelliem irrakkomanda li l-Kunsill jassisti kif jista` sabiex jara li l-Community Policing team ikollhom vettura x'tiġi użata fil-lokalita`, u dan possibbilment billi jinstab sponsor, u jekk le, il-Kunsill għandu jerġa' jiddiskuti x'jista' isir biex jirrifletti l-fatt li l-Community Policing team huwa kompost minn tliet uffiċjali fis-Swieqi u wieħed f'Pembroke.

12.8.2 Is-Sindku Dean Hili irrimarka wkoll li l-Kunsill ġie mistieden jikkunsidra li jibda jkollu servizz ta' towing abbażi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru) biex jitneħħew vetturi u affarijiet oħra li jkunu fit-triq mingħajr il-

permessi neċessarja u/jew abbandunata. **(Dok. 5)** Il-kelliem irrimarka li s-suġġett huwa ftit ikkompilat aktar milli jidher, apparti l-fatt li l-Kunsill rari jiġi bżonn dan it-tip ta' servizz. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien ser jifli il-liġi biex jara x'jista' isir.

## 12.9 Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA – Halloween 2020.

12.9.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza għall-fondi miksub mill-fond tal-LESA fejn irrimarka li parti mill-fondi li jammontaw għal €3,500 ma jistgħux jiġu mitluba minħabba li l-attività tal-Halloween ta' din is-sena mhux ser issir.

12.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jesplora l-possibilità li tali fondi jintużaw biex isir upgrading fil-faċilitajiet ta' saħħa u sigurtà fi Triq Alamein fejn hemm numru ta' skejjel, fosthom bl-installazzjoni ta' rumble strips kif maqbul aktar qabel fil-laqgħa.

12.9.3 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

12.9.4 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.9.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.10 SPI.07.2019 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni.

12.10.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li minħabba problemi loġistiċi (fejn fil-Ġnien fl-akwata ta' San Patrizju għadu m'inbeda ebda xogħol infrastrutturali, fis-sit tal-P&R għadhom ma tħawlu ebda siġar minn IM u dwar ta' Triq il-Mediterran irriżulta li kien proġett ambizzjuż ħafna) il-Kunsill mhux ser ikun f'pożizzjoni li jagħmel ix-xogħol li għalihom kienu nkisbu l-fondi skond id-dati tal-iskadenza u għalhekk ippropona li jekk mhux ser ikun hemm aktar estensjonijiet minnaħa tad-DGL, il-possibilità ser tkun li l-Kunsill ikollu jirrifondi lura l-fondi diġa allokata.

12.10.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.11 SPI.10.2019 – Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali/Reġjonali f'Ċentri tal-Komunità.

12.11.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill partikularment għall:

- Minuti 02/K8/2019 item 02.19.1 fejn il-Kunsill kien approva li tiġi esplorata l-possibilità li jinxtara *interactive whiteboard* sabiex jiġi nstallat fis-sala tal-Kunsill,
- Minuti 03/K8/2019 item 03.3.1 fejn il-Kunsill kien approva li deċiżjoni dwar liema offerta għandha tintgħażel kellha tittieħed wara li l-Kunsill jirċievi l-eżitu tal-applikazzjoni li saret fuq l-iskema relatata mal-libreriji, u

- Minuti 07/K8/2019 item 07.3.1 fejn kien ġie approvat li jiġi ordnat l-apparat skond il-ftehim milħuq f'laqgħat preċedenti.

12.11.2 Il-kelliem irrimarka li minn dakinhar kien hemm xi tibdil fil-mudelli proposta u għalhekk inġabru stimi ġodda mingħand l-istess kumpaniji u dan huwa rifless f'Internal **Memo 31/2020** fejn ippropona li tiġi magħżula l-irħas offerta li tikkonċerna apparat tal-qies 75 pulzier għall-prezz ta' €3,823.80.

12.11.3 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.11.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.12 SPI.SCI.03.2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobbilità; u SPI.SCI.06.2020 - Finanzjament għall-kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex;

12.12.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza għaż-żewġ skemi fejn saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll mal-kuntratturi tal-Kunsill dwar il-possibilità li jsir upgrading tal-Ġnien li hemm fiż-Żona ta' San Patrizju u ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta. Il-kelliem irrimarka li skema minnhom ser tagħlaq fit-30 ta' Ottubru 2020 u għalhekk mhux ser ikun possibbli li l-Kunsill japplika. Minn naħa l-oħra il-kelliem ippropona li l-Kunsill japplika għall-iskema li ser tagħlaq f'Diċembru inkluż għall-UIF bil-proġetti jkunu l-Upgrading tal-ġnien li hemm fiż-żona ta' San Patrizju u l-proġett tal-upgrading ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta li jinkludi l-bankini tal-madwar.

12.12.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

12.13.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 6, 7, 8, 9, 10 u 11)**

12.13.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

12.13.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.13.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.14 Mozzjonijiet.

12.14.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 12.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.15.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex il-laqgħa li jmiss issir fl-4:00pm.

12.15.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.15.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.15.4 Il-laqgħa ntemmet fil-18:30pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 ta’ Novembru 2020 fl-4:00pm.

**Konfermati, illum 26 ta’ Novembru, 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Dok 1

# Pembroke Local Council

## Quarterly Financial Report

## for the Period

### 1st January till End of September 2020 (Quarter 3)

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Overview and Summary | *Page 3* |
| Statement of Income and Expenditure | *Page 4* |
| Statement of Financial Position | *Page 5* |
| Cash flow Statement | *Page 6* |
| Detailed Income | *Page 7* |
| Detailed Expenditure | *Page 8* |
| Detailed Statment of Financial Position | *Page 10* |
| Depreciation of Property, Plant and Equipment | *Page 11* |

## *Overview and Summary*

The normal recurrent expenditure related to the services the Council is obliged to render in line with Section 33 of the Local Councils Act, on a number of initiatives were carried out.
All expenditure is within the Budget Estimates for said period.

Dr. Dean Hili
Mayor

Kevin Borg
Executive Secretary

## Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of September 2020 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2020 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2020 € |
|---|---|---|---|---|
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 375,559 | 504,915 | - | 504,915 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 6,169 | 3,000 | - | 3,000 |
| Income raised from LES (3) | 2,256 | 2,500 | - | 2,500 |
| Investment Income (4) | - | 100 | - | 100 |
| Other Income (5) | 7,644 | 100 | - | 100 |
| TOTAL | **391,628** | **510,615** | - | **510,615** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 79,983 | 106,319 | - | 106,319 |
| Operations and Maintenance (7) | 203,991 | 330,528 | - | 330,528 |
| Administration (8) | 20,676 | 36,469 | - | 36,469 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 23,530 | 37,300 | - | 37,300 |
| TOTAL | **328,180** | **510,616** | - | **510,616** |
| **Surplus / Deficit** | **63,448** | **(1)** | - | **(1)** |

## Statement of Financial Position as at end of September 2020 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2020 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2020 € |
|---|---|---|---|---|
| **Non-current Assets** | | | | |
| Property, Plant and Equipment (17) | 242,144 | 211,593 | | 211,593 |
| **Current Assets** | | | | |
| Inventories (11) | 1,592 | 1,500 | - | 1,500 |
| Receivables (12) | 23,388 | 4,000 | - | 4,000 |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 619,912 | 521,893 | - | 521,893 |
| **Total Current Assets** | **644,892** | **527,393** | - | **527,393** |
| **Current Liabilities** | | | | |
| Payables (14) | 154,938 | 53,000 | - | 53,000 |
| **Total Current Liabilities** | **154,938** | **53,000** | - | **53,000** |
| **Net Current Assets** | 489,954 | 474,393 | - | 474,393 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **732,099** | **685,986** | - | **685,986** |
| **Reserves** | | | | |
| Retained Funds | **732,099** | **685,986** | - | **685,986** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Current Assets | | 644,892 | 527,393 | - | 527,393 |
| Current Liabilities | | 154,938 | 53,000 | - | 53,000 |
| | **Working Capital** | 489,954 | 474,393 | - | 474,393 |
| Government Allocation | | 468,188 | 504,915 | - | 468,188 |
| | **FSI** | **105 %** | **94 %** | | **101 %** |

## Cash flow Statement

| **DESCRIPTION** | Actual for the Period € | Annual Budget 2020 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2020 € |
|---|---|---|---|---|
| **Cash flow from operating activities** | | | | |
| Surplus for the year | 63,448 | (1) | - | (1) |
| Adjustments for: | | | | |
| Depreciation | 23,530 | 37,300 | - | 37,300 |
| Increase / (Decrease) in Allowance for Bad Debts | - | | | - |
| Interest receivable | - | 100 | | 100 |
| Interest payable | | | | - |
| (Profit) / Loss on disposal of asset | | | | - |
| | | | | - |
| Increase / (Decrease) in payables | (3,805) | (11,025) | | (11,025) |
| Increase / (Decrease) in accruals | 87,349 | (1,500) | | (1,500) |
| Decrease / (Increase) in receivables | (4,007) | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Cash generated from operations | **166,515** | **24,874** | - | **24,874** |
| Interest paid | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from operating activities* | **166,515** | **24,874** | - | **24,874** |
| **Cash flows from investing activities** | | | | |
| Purchase of property, plant & equipment | (87,908) | (79,000) | | (79,000) |
| Proceeds from sale of property, plant & equipment | | | | - |
| Grants received | - | | | - |
| Interest received | - | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash used in investing activities* | **(87,908)** | **(79,000)** | - | **(79,000)** |
| **Cash flows from financing activities** | | | | |
| Proceeds from long-term borrowings | | | | - |
| Interest Paid | | | | - |
| Bank Loan Repayments | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from financing activities* | - | - | - | - |
| **Net increase/(decrease) in cash & cash equivalents** | **78,608** | **(54,126)** | - | **(54,126)** |
| Cash & cash equivalents at beginning of year | 541,305 | 560,098 | | 560,098 |
| **Cash & cash equivalents at end of Quarter** | **619,913** | **505,972** | - | **505,972** |

## Detailed Income

| | | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2020 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Income** | | | | |
| 1 | | **Funds received from Cental Government:** | | | | |
| | 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 354,985 | 468,188 | | 468,188 |
| | 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | | - | | - |
| | 0005-0019 | Other income | 20,574 | 36,727 | | 36,727 |
| | | | **375,559** | **504,915** | - | **504,915** |
| 2 | | **Income raised from Bye-Laws** | | | | |
| | 0021-0025 | Community Services | | - | | - |
| | 0026-0035 | Income from Permits | 6,169 | 3,000 | | 3,000 |
| | | | **6,169** | **3,000** | - | **3,000** |
| 3 | | **Local Enforcement Income** | | | | |
| | 0037 | Commission from Regional Committees | 2,256 | 2,500 | | 2,500 |
| | 0038-0055 | Contraventions | | | | - |
| | | | **2,256** | **2,500** | - | **2,500** |
| 4 | | **Investment Income** | | | | |
| | 0091-0095 | Bank interest | | 100 | | 100 |
| | 0096-0099 | Income received from Govermnet Securities | | - | | - |
| | | | - | **100** | - | **100** |
| 5 | 0056-0065 | Sponsorships | 3,250 | - | | - |
| | 0066-0069 | Documents & Information | | - | | - |
| | 0070-0075 | EU funds | | - | | - |
| | 0076-0080 | Twinning | | - | | - |
| | 0081-0089 | Insurance Claims | | - | | - |
| | 0100-0109 | Donations | 114 | 100 | | 100 |
| | 0110-0119 | Contributions | 1,501 | - | | - |
| | 0120-0129 | General Income | 2,780 | - | | - |
| | | | **7,644** | **100** | - | **100** |
| | | **Total** | **391,628** | **510,615** | - | **510,615** |

## Detailed Expenditure

| | DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2020 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2020 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | € | € | € | € |
| **6 I)** | **Personal Emoluments** | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 7,803 | 10,404 | | 10,404 |
| 1200 | Employees' Salaries & Wages | 49,917 | 66,628 | | 66,628 |
| 1300 | Bonuses | 6,286 | 6,658 | | 6,658 |
| 1400 | Income Supplements | | 800 | | 800 |
| 1500 | Social Security Contributions | 4,753 | 6,299 | | 6,299 |
| 1600 | Allowances | 9,750 | 13,000 | | 13,000 |
| 1700 | Overtime | 1,475 | 2,530 | | 2,530 |
| | | **79,983** | **106,319** | - | **106,319** |

| | DESCRIPTION | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | € | € | € | € |
| **7** | **Operations and Maintenance** | | | | |
| 2100-2149 | Public Utilities | 2,375 | 3,173 | | 3,173 |
| 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 506 | 1,100 | | 1,100 |
| 2300-2399 | Repairs & upkeep | 41,175 | 99,301 | | 99,301 |
| 2400-2449 | Rent | 1,054 | 1,456 | | 1,456 |
| 3010 | Street Lightning | 15,054 | 8,000 | | 8,000 |
| 3020 | Lease of Equipment | | - | | - |
| 3030 | Insurance | 2,004 | 2,044 | | 2,044 |
| 3035 | Bank Charges | 51 | 200 | | 200 |
| 3038 | Penalties | | - | | - |
| 3041 | Refuse Collection | 37,431 | 51,901 | | 51,901 |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 9,805 | 14,400 | | 14,400 |
| 3043 | Bins on wheels | | - | | - |
| 3045 | Bring in sites | | 200 | | 200 |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 29,301 | 39,000 | | 39,000 |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 13,853 | 19,390 | | 19,390 |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | 3,403 | 4,524 | | 4,524 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | 2,839 | 2,400 | | 2,400 |
| 3040 | Waste Disposal | 12,343 | 18,000 | | 18,000 |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 12,790 | 16,856 | | 16,856 |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 15,221 | 21,749 | | 21,749 |
| 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | - | | - |
| 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | - | | - |
| 6064 | Other Contractual Services | 3,680 | 9,389 | | 9,389 |
| 3070-3090 | Consultation Fees | | 2,000 | | 2,000 |
| 3100-3139 | Contract & Project Management | | - | | - |
| 3300-3379 | Hospitality | 950 | 14,465 | | 14,465 |
| 3380-3389 | Community | | 981 | | 981 |
| 3390-3394 | Donations | 114 | | | - |
| 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | 42 | | | - |
| 3700-3799 | EU Projects | | | | - |
| 3800-3899 | Twinning | | | | - |
| | | | | | - |
| | | **203,991** | **330,528** | - | **330,528** |
| **8** | **Administration** | | | | |
| 2150-2199 | Office Utilities | 1,578 | 3,645 | | 3,645 |
| 2260-2299 | Office Materials & Supplies | 26 | 100 | | 100 |
| 2450-2499 | Office Rent | | - | | - |
| 2500-2599 | National & International Memberships | 86 | 1,100 | | 1,100 |
| 2600-2699 | Office Services | 4,608 | 3,795 | | 3,795 |
| 2700-2799 | Transport | | 1,150 | | 1,150 |
| 2800-2899 | Travel | | - | | - |
| 2900-2999 | Information Services | 1,074 | 2,650 | | 2,650 |
| 3050 | Office Cleaning | | - | | - |
| 3410-3199 | Professional Services | 12,843 | 22,479 | | 22,479 |
| 3200-3299 | Training | | 500 | | 500 |
| 3345 | Office Hospitality | 461 | 800 | | 800 |
| 3400-3499 | Incidental Expenses | | 250 | | 250 |
| | | | | | - |
| | | **20,676** | **36,469** | - | **36,469** |
| **9** | **Finance Costs** | | | | |
| 3036 | Interest on Bank Loan | | | | - |
| | | | | | - |
| | | - | - | - | - |

## Detailed Statment of Financial Position

| Note | Code | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2020 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | | **Other Expenditure** | | | | |
| | 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of asset | | | | - |
| | 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | | | | - |
| | 8000-8099 | Depreciation As at end of September 2020 | 23,530 | 37,300 | | 37,300 |
| | | | | | | - |
| | | | **23,530** | **37,300** | - | **37,300** |
| | | **Total** | **328,180** | **510,616** | - | **510,616** |
| 11 | | **Inventories** | | | | |
| | 5201-5249 | Stationery | | - | | - |
| | 5250-5299 | Consumables | 1,592 | 1,500 | | 1,500 |
| | | | | - | | - |
| | | | **1,592** | **1,500** | - | **1,500** |
| 12 | | **Receivables** | | | | |
| | 0201-0209 | Receivables | 22,048 | 2,000 | | 2,000 |
| | 0210-0219 | LES Receivables | | - | | - |
| | 0220-0229 | Receivables from EU | | - | | - |
| | 0250 | Prepayments & Accrued income | 1,340 | 2,000 | | 2,000 |
| | | | | | | - |
| | | | **23,388** | **4,000** | - | **4,000** |
| 13 | | **Cash & Equivalents** | | | | |
| | 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 619,912 | 521,893 | | 521,893 |
| | | | **619,912** | **521,893** | - | **521,893** |
| 14 | | **Payables** | | | | |
| | 4000 | Payables | 506 | 18,000 | | 18,000 |
| | 4100 | Accruals | 36,535 | 35,000 | | 35,000 |
| | 4150 | Deferred Income | 117,897 | | | - |
| | | Current portion of long term borrowings | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **154,938** | **53,000** | - | **53,000** |
| 15 | | **Non Current Liabilities** | | | | |
| | 4200 | Long Term Borrowing | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | - | - | - | - |

16 Total Commitments (Recurrent and Capital)

| DESCRIPTION | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Recurrent and Capital | | | |
| | - | - | - |
| Long Term Loans | | | |
| | - | - | - |
| Others | | | |
| | - | - | - |

## 17 Deprecition of Property, Plant and Equipment

| Asset | Furn & Fittings | Office Equipment | Urban Improvements | Construction | Trees | Plant & Machinery | Special Programmes | New Street Signs | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| % of depreciation | 8% | 20% | 10% | 10% | 0% | 20% | 10% | 100% | | |
| | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € |
| **Cost** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2020 | 24,745 | 55,474 | 753,446 | 622,449 | 17,307 | 6,359 | 653,660 | 11,787 | | 2,145,227 |
| Additions | | 2,844 | 85,064 | | | | | | | 87,908 |
| Disposals | | | | | | | | | | - |
| As at end of September 2020 | **24,745** | **58,318** | **838,510** | **622,449** | **17,307** | **6,359** | **653,660** | **11,787** | - | **2,233,134** |
| **Grants/ other reimbursements** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2020 | | 7,351 | 292,684 | 51,423 | | | 653,660 | | | **1,005,118** |
| Additions | | | | | | | | | | - |
| As at end of September 2020 | - | **7,351** | **292,684** | **51,423** | - | - | **653,660** | - | - | **1,005,118** |
| **Accumulated Deprecition** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2020 | 20,683 | 41,497 | 321,458 | 560,609 | | 6,308 | - | 11,787 | | **962,342** |
| Charge for the period | 1,674 | 415 | 15,675 | 5,759 | | 6 | | | | **23,530** |
| Released on disposal | | | | | | | | | | - |
| As at end of September 2020 | **22,357** | **41,912** | **337,133** | **566,368** | - | **6,314** | - | **11,787** | - | **985,872** |
| **NBV** As at end of September 2C | **2,388** | **9,055** | **208,692** | **4,658** | **17,307** | **45** | **(0)** | - | - | **242,144** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Dok 2**

**Internal Memo Referenza 31/2020** **28 ta' Ottubru 2020**

# PLC/Q/06/2020 - Kwotazzjoni għal-interactive panel

Sar kuntatt ma' kumpaniji li kienu wrew interess lura f'Lulju 2019 **(46/3357/19/O)** fejn intalbu jipprovdu stima aġġornata biex jipprovdu panel interattiv li idealment ikun stand alone.

| Dettalji tal-kumpanija | Item | Prezz |
|---|---|---|
| **Forestals Professional** | 75inch display | €2,650.00 |
| Lead Business Centre | PC i5 | €765.82 |
| Level 3, Triq l-Intrapriza, | PC i7 | €954.62 |
| Central Business District | Trolley | €814.20 |
| Mrieħel, CBD 4080. | | |
| **Audio Visual Centre Ltd.** | 65inch display | €2,250.00 |
| 1 Shanti Court | 75inch display | €2,750.00 |
| Triq Edgar Bernard | PC i5 | €731.60 |
| Gżira, GŻR 1701. | Trolley | €342.20 |
| **Jos Vincenti & Co Ltd.** | 65inch display | €1,995.00 |
| 125 | 75inch display | **€3,235.00** |
| Old Mint Street | PC i5 | €980.00 |
| Valletta | PC i7 | €1,350.00 |
| | Trolley | €500.00 |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 32/2020** **29 ta' Ottubru 2020**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 11/K8/20 u 12/K8/20

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 126 | 2020 | Pembroke Hardware Store | Tissupplixxi materjal ta' manutenzjoni li jkollu bżonn il-Kunsill għall-perjodu minn Jannar sal-aħħar ta' Diċembru 2020 |
| 127 | 2020 | Pembroke Hardware Store | • 15 ltrs żebgħa għall-injam kulur Spice finish in gloss,<br>10 ltrs undercoat għall-injam kulur Spice,<br>5 ltrs żebgħa għall-injam kulur Black gloss,<br>10 ltrs wood primer,<br>5 ltrs white spirti<br>10 paint brushes (5 x 1inch and 5 x 2 inches)<br>40 anchor bolts, u<br>350 round bolts with round head. |
| 128 | 2020 | Grammarly | Servizz ta' subsciption għal sena |
| 131 | 2020 | Mica Med | Skonnetjatha l-lampa li tiġi fuq dar 17 fi Triq Don Luigi Rigord,minħabba li qed tinqata' s-salvavita ta' dar numru 23 |
| 132 | 2020 | Mica Med | Lampa numru W094 li tinsab fi Triq Ferdinand Gregh k/m Triq Giorgio Mitrovich ma' faċċata ta' dar numru 38 |
| 133 | 2020 | B. Grima and Sons | Tissupplixxi u twaħħal mera fi Triq Tonna Barthet mal-ħajt tal-Knisja |
| 136 | 2020 | B. Grima and Sons | Tissupplixxi u twaħħal mera fi Triq il-Profs Walter Ganado faċċata ta' Triq il-Mediterran fejn il-gabbana |
| 137 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa mal-arblu tal-Kunsill li l-wires tagħha qed jisparkjaw li hemm fi Triq Patri Odorik Grima wara blokk 8 bin-numru X096 |
| 138 | 2020 | Mica Med | Tissupplixxi timer ghall-floodlight li hemm fil-Ġnien 4 ta' Lulju |
| 140 | 2020 | J&K Contractors | Jitneħħew graffiti li hemm mal-ħajt tal-latrina ta' Ġnien 4 ta' Lulju u jinkesa/jitbajjad is-saqaf tal-latrina |
| 141 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa numru W020 li tinsab ma faċċata ta'dar numru 12 fi Triq Mons Alfredo Mifsud |
| 142 | 2020 | B. Grima and Sons | Issir żebgħa tal-multi purpose court |
| 143 | 2020 | B. Grima and Sons | Tissupplixxi u twaħħal tabella mal-arblu td-dawl tan-No Right Turn fi Triq Alamein direzzjoni minnaħa tal-Kunsill qabel iz-zebra crossing u qabel l-iskola St.Michael's |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 144 | 2020 | B. Grima and Sons | Tinqala' t-tabella li hemm biswit il-Ġnien Clifford Micallef fi Triq F.X Caruana |
| 145 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa numru W021 ma' faċċata ta' dar numru 28 fi Triq Mons Alfredo Mifsud minnaha li tidhol minn Triq l-Isqof Angelo Portelli |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 33/2020** **29 ta' Ottubru 2020**

# PA 9786/19 - Proposed Embassy of the People's Republic of China in Malta, including all ancillary facilities and excavation of site

Rapport tal-kummenti li għamel il-Kunsill bħala membru tal-Bord tal-PA fil-laqgħa pubblika fejn ġie deċiż il-permess tal-iżvilupp. Fin-nuqqas tas-Sindku Dean Hili, il-Kunsill kien rappreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Niskuża ruħi għan-nom tas-Sindku Dr Dean Hili li ma setax ikun huwa preżenti illum minħabba impenji oħra ta' xogħol. Is-segwenti punti huma l-fehma tal-Kunsill fl-inter tiegħu.

Fid-dawl li l-Gvern Ċiniż diġa huwa sid tal-art wara li lura fil-5 ta' Marzu 2013, il-Gvern tal-ġurnata kien approva li jkun hemm tibdil fil-pjan lokali sabiex fis-sit indikat ikun permissibbli il-bini ta' Ambaxxata, l-Kunsill huwa tal-fehma li abbażi ta' NHPE07, filwaqt li l-Kunsill jirrikonoxxi li hija għafsa ta' qalb għall-lokalita` li ser ikollha iċċedi medda art oħra verġni, mil-lat tan-naħa l-oħra fid-dawl taċ-ċirkostanzi il-Kunsill insista u ser jibqa' jinsisti li:

1. L-iżviluppatur għandu jesplora l-possibilità li fl-iżvilupp propost jara li jiġu salvagwardati s-siġar endemiċi li hemm fuq is-sit billi l-iżvilupp jiġi emendat biex fejn huwa possibbli ma jagħmilx ħsara ambjentali,
2. Li l-żvilupp propost jiġi emendat biex kemm jista' ikun jitħalla spazju li ma ttellifx il-vista tal-kosta minn Triq Suffolk,
3. Peress li t-terren tas-sit huwa sloping u jinsab f'żona bejn bini skedat, il-bini propost għandu jkun baxx kemm jista' jkun u jikkumplimenta l-istrutturi eżistenti, biex b'hekk jitnaqqas l-impatt viżwali
4. Id-dħul u l-ħruġ tal-iżvilupp għandu jkun permezz ta' by lanes bil-ħsieb li ma jiġix ostakolat it-traffiku;
5. L-iżviluppatur għandu jipproteġi l-wirt militari li jista' hemm fuq il-post, fosthom spieri u/jew ġwiebi ta' żmien l-Ingliżi, prinċipalment billi l-proċess tal-iskavar tas-sit jirrispetta l-possibilità kbira li dawn jinstabu fis-sit u f'dak il-każ, jiġu protetti dawn il-fdalijiet militari;
6. Kull fejn hemm blank Walls, għandu jiddaħħal il-kunċett ta' Green Walls ħalli l-iżvilupp ikun f'sintonija mal-ambjent tal-madwar.

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

Issa meta wieħed jifli l-proġett kif propost, ta' min wieħed jieħu konjizjoni tas-segwenti estratta mir-rapport tal-case officer, id-diskussjonijiet li l-Kunsill kellu mal-Ambaxxatur Ċiniż inkluż il-Periti tal-proġett kif ukoll il-preżentazzjoni li saret mid-Direttorat, u dan speċifikament għal:

1. **Salvagwardja tas-sit u l-ambjent li hemm preżentement**

- Is-sit fejn qed jiġi propost l-iżvilupp jinsab fil-viċinanza tas-sit Natura2000 kif ukoll imdawwar kemm bil-binijiet residenzjali li huma ta' wirt arkitettoniku tant li huma skedata, kif ukoll diversi skejjel kemm tal-Gvern kif ukoll Indipendenti.
- Fis-sit hemm diversi pjanti u xitel endemiċi u fawna bħal qniefed, kamalejonti u ħlejjaq oħra li huma protetti.

2. **Traffiku u l-konġestjoni li tista' tiżdied**

- Preżentament diġa hemm problema tat-traffiku fl-akwata, u l-Kunsill huwa konvint li bil-bini ta' ambaxxata din ser tiżdied u mhux tonqos. Dan fid-dawl ukoll li minn dak indikat fil-pjanti, fl-opinjoni tal-Kunsill l-ambaxxata mhux ser tipprovdi postijiet ta' parkeġġ biżżejjed għall-viżitaturi. Kulħadd jaf li normalment ħadd ma jitħalla jidħol jipparkja f'ambaxxata u għalhekk il-Kunsill ma jifhimx l-argument li l-ambaxxata ser tintuża minn numru żgħir ta' persuni biex jagħmlu l-Visa biss, tant li jekk dan huwa l-każ allura huwa aktar ma jreġix l-argument ta' bżonn ta' Ambaxxata ta' dan il-kobor.

3. **Impatt viżwali**

- Il-Kunsill kien qed jistenna li tali proġett ser ikun aktar sensittiv mal-ambjent tal-madwar. Preżentament minn Triq Suffolk m'hemm ebda ostaklu għal vista fuq Pembroke kollu nkluż il-kosta. Tali żvilupp ser joħnoq ix-xenarju kollu peress li ser ikun għola mhux biss minn Triq Suffolk, iżda ukoll mill-istess Triq Sant Andrija. Normalment il-paraguni huma odjużi, iżda meta l-iżviluppatur qed jagħmel paragun ma bini għoli li hemm fil-Madliena u ma skola li hemm fil-viċin, ma tistax ma tosservax li fl-istess ħin ma saru ebda konsiderazzjonijiet u paragun mar-residenzi li hemm kważi imissu mal-istess żvilupp. Residenzi li ma jistgħux jgħolew minħabba li huma skedata.
- Hawn ta' min ifakkar ukoll f'policies riċenti tal-istess Awtorità li anke sempliċiment trinka fit-triq hija rakkomandata li m'isirx biswit bini skedat, aħseb u ara binjiet massiċċi t'għoli sa massimu ta' sitt sulari.
- **Nixtieq infakkar li l-Kunsill Lokali Pembroke għamel xhur joġġezzjona għal żviluppi ta' għoli ta' sitt sulari, peress li kien, għadu u ser jibqa' tal-fehma li tali konċessjoni qed twassal għar-rovina tal-karatteristiċi tal-lokal.**
- Il-Kunsill jirrikonoxxi li proġett simili jaf ikollu disinn distint, iżda l-Kunsill iħoss li dan ser jistona ħafna mal-Barracks li hemm fil-viċin. Dan minħabba l-fatt li għalkemm qed tingħata l-impressjoni li ser ikun ta' materjal identiku jew ta' kulur identiku, fl-istess waqt huwa ta' arkitettura totalment differenti. Dan bħal speċi traqqad l-pannu bil-qara ħamra.
- Jekk kemm il-darba s-sit kellu jinbena fil-masiċita tiegħu, filwaqt li nerġgħu nirrikonoxxu l'illum il-ġurnata s-sit huwa privat, fl-istess ħin, il-Kunsill kien jippreferi li jkunu appartamenti għall-dawk fil-bżonn milli biex sempliċiment ikolna Ambaxxata ta' din il-kobor.

- Il-Kunsill jifhem li ambaxxata għandha bżonn ċertu faċilitajiet biex tkun tista' topera u tiffunzjona, iżda fl-istess waqt ma jistax jifhem il-bżonn ta' diversi strutturi bħal gym, pixxina, ect, daqs li kieku għandek xi holiday complex.
- Nifhmu ukoll li l-PA hija marbuta fuq diversi lati dwar x'jista' jiġi permess minħabba n-natura u s-sensittivita tal-proġett u minħabba li meta art tkun dedikata għal ambaxxata, hemm diversi restrizzjonijiet diplomatiċi li ftit li xejn jista' ikun hemm impożizzjonijiet u restrizzjonijiet fuqhom.
- Fl-istess waqt ma jreġix l-argument li l-iżviluppatur qed jgħid li ser jibni binja anqas voluminuż minn milli kieku jinbnew appartamenti.
- La darba s-sit ser jiġi skavat kważi kollu, il-ħsara ambjentali ser tkun saret.

B'referenza għall-kummenti tad-direttorat, il-Kunsill Lokali Pembroke jixtieq jelenka s-segwenti punti:

1. **Għoli tal-bini propost** – Id-Direttorat jirrimarka li l-għoli tal-maġġor parti tal-proġett propost huwa għola minn dak li jippermettu l-limiti tal-iżvilupp. Il-Kunsill Lokali Pembroke huwa totalment kontra li tali għoli għandu b'xi mod jinqabeż, meta wieħed iqis il-kobor t'art li tali proġett ikopri. Il-Kunsill kien qed jistenna li proġett simili fejn dejjem qed nitkellmu fuq sostenibbiltà u ambjent, kellu jkun fuq skala iżgħar u xorta waħda jkopri l-iskopijiet neċessarja t'ambaxxata. Il-Kunsill kien jistenna li l-aktar postijiet għolja tal-proġett kellhom ikunu fl-aktar postijiet baxxa tas-sit u li l-iżvilupp kellu jitbaxxa skond it-topografija tas-sit. Mhux skuża valida li fejn hemm disinn fuq il-faċċata, jingħad li qed jinqabeż l-għoli minħabba d-disinn. Dan huwa preċedent perikoluż u jagħti lok għal abbuż fi proġetti oħra li jista' ikun hemm fil-futur.
2. Wieħed irid jieħu nota ukoll li l-ż-żona li ser tiġi żviluppata hija akbar miż-żona permessa bħala building zone.
3. **Dħul u ħruġ mill-proġett** – Għal-Kunsill huwa inaċċettabbli li faċċata tar-residenti ser ikun hemm id-dħul u ħruġ għas-servizzi, aktar u aktar li tali aċċess ser ikun fuq triq li għad trid tiġi approvata mill-PA u li ser tkun triq arterja. Il-Kunsill għandu dubji serji kemm dan huwa permissibbli peress li safejn nafu aħna normalment irid ikun hemm service road, bħala prekawzjoni u safety għat-traffiku.

### Policies tal-ippjanar

### 4.6.1 Strategic Plan for Environment and Planning, 2015 – SPED Urban Objective 4

Il-Kunsill huwa tal-opinjoni li tali proġett imur kontra din il-policy u dan minħabba li li ma jirrispondix għall-karattru lokali, la ser joffri xi servizzi lill-lokal, la jinkludi sigura (anzi hemm min jargumenta li ambaxxata hija ta' periklu) u lanqas huwa ta' xi valur miżjud.

### 4.6.2 North Harbours Local Plan, 2006

Dan jispeċifika li kull żvilupp għandu jiżgura l-protezzjoni tas-siġar matura li hemm fis-sit, xi ħaġa li l-proġett lanqas biss ipprova jikkunsidra. Tant li fiż-żona fejn hemm

konċentrazzjoni tas-siġar, dawn ser jispiċċaw kollha peress li hemm il-massa tal-bini, filwaqt li Umbagħad qed jingħad li ser jinżergħu siġar fil-parti fejn hemm blat fil-wiċċ, u għalhekk, hawn ukoll, għalkemm ser isir soft landscaping, ser ikollu jsir intervent biex jitqatta l-blat biex ikunu jistgħu jinżergħu siġar ġodda. Hawn il-Kunsill ma jistax jifhem kif minflok li l-iżvilupp propost dar mas-siġar li hemm u ħallihom jiffjorixxu, għażlu li jinqalghu is-siġar li hemm, dan ukoll ambjentalment mhux aċċettabbli għal-Kunsill.

**Transport Malta**

Il-Kunsill ma jistax jifhem kif il-proġett huwa mitlub li jħalli buffer zone mad-dawra tal-proġett meta minn Triq Suffolk m'hemm ebda buffer zone, filwaqt li minn ma' Triq fejn hemm ir-residenti, bilkemm hemm spazju għat-triq li qed jipproponu lM. Bl-iżvilupp propost m'hemm ebda spazju vakat f'każ li l-quddiem ikun hemm bżonn ta' upgrading tat-toroq proposta, meta l-Kunsill iħoss li s-sit joffri biżżejjed spazju fejn dan seta' jsir.

**Superintendence of Cultural Heritage and CHAC**

Il-Kunsill Lokali Pembroke jaqbel perfettament mal-kumment li tali proġett huwa voluminuż u massiċċ "recommend that the proposed height and intensity of development is reduced in order to minimize the visual interference of the proposed structure with the views and vistas of the existing historical scheduled structures in the vicinity"

**Landscaping**

Il-proġett qed jindika li ser ikun hemm mix ta soft u hard landscaping. Ta' min jinnota li f'ħafna mill-postijiet ta' soft landsacping, is-sit xorta waħda ser ikun skavat, u l-landscaping ser ikun ornamentali fuq saqaf ta' xi parti mill-basement.

Il-Kunsill iħoss li dan il-proġett ser ikun ta' danni ambjentali peress li ser joħnoq parti mill-kurutur ekoloġiku, apparti li ser ikollu impatt negattiv fuq it-tree preservation area li hemm biswit.

Kif spjegat aktar qabel, il-Kunsill iħoss li l-Ambaxxata kellhom ikunu aktar sensittivi ambjentalment billi idawru l-proġett tagħhom maż-żona tas-siġar li hemm milli jinqala kollox biex eventwalment jinstab post alternattiv fejn dawn jistgħu jitħawlu.

Wieħed ma jridx jinsa ukoll il-kunċett tal-blank party walls. Il-Kunsill iħoss li huwa inaċċettabbli li f'żona residenzjali nispiċċaw b'ħitan idawru binja qisna morna lura fiż-żmien. Nifhmu li hemm bżonn xi tip ta' sigurtà, iżda hemm metodi alternattivi kif dan jista' isir. Safejn nafu aħna għad m'hawn ebda ambaxxata f'Malta fejn għanda ċint mal-periferija għoli sular. Din żgur ser tkerrah l-ambjent viżwali tal-madwar u għalhekk hija inaċċettabbli.

**Punti oħra**

Il-Kunsill huwa kontra li jingħata xi permess biex fuq il-binja jew f'parti oħra jkun hemm xi strutturi tat-telekomunikazzjoni li jkunu jidhru minn barra mit-triq, u għalhekk ovvjament għola mill-bini li qed jiġi propost.

B'referenza ghall-photomantages preżentata, il-Kunsill iħoss li kull entita rappreżentata fil-Bord għandha tinnota li ma jistax ikun li hemm ritratti li juru l-massiċita tal-iżvilupp, imma wara fl-aħħar ritratti ta' kif tali żvilupp ser jiġi jidher fosthom minn Triq Falaise, Triq Alamein, Triq Suffolk, Triq Sant Andrija dan l-iżvilupp bħal donnu jisparixxi.

Finalment nerġgħu intennu u niddikjaraw li l-Kunsill Lokali Pembroke jifhem li hemm il-bżonn li l-pajjiż ikollu l-aqwa relazzjonijiet ma' pajjiż bħaċ-Ċina, u naslu forsi biex nifhmu li nospitaw il-bini ta' Ambaxxata fil-lokal ladarba l-art hija propjetà' tal-Gvern Ċiniż, iżda fl-istess waqt, ladarba l-iżviluppatur ma jidher li għamel xejn biex jipprova tal-anqas jindirizza l-punti mqajma mill-Kunsill, il-vot tal-Kunsill ser ikun kontra l-iżvilupp kif propost.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

Dok 5



# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 65.13

## REGOLAMENTI DWAR L-IKKLAMPJAR U T-TNEĦĦIJA TA' VETTURI BIL-MUTUR U OĠĠETTI TA' INGOMBRU

27 ta' Ġunju, 1997

*L-AVVIŻ LEGALI 94 tal-1997, kif emendat bl-Avviżi Legali 192 tal-1999, 123 tal-2001, 405 tal-2003, 291 tal-2004, 47 tal-2006, 408 tal-2007 u 197 tal-2009; bl-Att XV tal-2009; u bl-Avviżi Legali 503 tal-2010, 260 tal-2011 123 tal-2017 and 48 tal-2018.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru.

Titolu. *Emendat; A.L. 47 tal-2006.*

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra, il-frażi -

Tifsir. *Sostitwit: A.L. 192 tal-1999. Emendat: A.L. 123 tal-2001; A.L. 47 tal-2006; A.L. 197 tal-2009; XV. 2009.49. A.L. 503 tal-2010; A.L. 260 tal-2011.* Kap. 499; *A.L. 123 tal-201; A.L.48 tal-2018*

"l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali kif stabbilita bl-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali jew kull kuntrattur debitament awtorizzat mill-imsemmija Aġenzija għall-għanijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kif stabbilita bl-Att dwar Awtorità għat-Trasport f'Malta jew kull kuntrattur debitament awtorizzat mill-imsemmija Awtorità għall-għanijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija, membri tal-Korp tal-Pulizija jew kuntrattur minnu debitament awtorizzati għall-għanijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti;

"Kunsill" tfisser kunsill lokali skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Gvern Lokali, jew kuntrattur debitament awtorizzat mill-Kunsill għal għanijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti; Kap. 363.

"oġġetti ta' ingombru" tfisser kull vettura, biċċa tal-baħar jew kull ħaġa oħra li tostakola jew b'xi mod ieħor toħloq xi diżordni jew inkonvenjent f'xi triq, moll, xatt jew post pubbliku ieħor;

"uffiċjal marittimu" tfisser dak l-uffiċjal tal-uffiċjal tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li jkun responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' kull biċċa tal-baħar li ma tkunx itwal minn 24 metru;

"vettura abbandunata" tfisser vettura bil-mutur abbandunata li ma tkunx tajba jew li tidher li ma tkunx tajba biex tintuża fit-triq u, meta tkun tista' tiġi stabbilita l-identifikazzjoni tagħha, li dwarha ma jkunux tħallsu l-liċenzi relattivi biex tinsaq fit-triq għas-sena korrenti u ta' qabel;

"vettura bil-mutur" tfisser kull vettura li timxi weħidha mekkanikament u li tiċċirkola fit-triq, minbarra vettura li timxi fuq il-binarji;

"żona ta' klampjar" u "żona ta' rmonk" ifissru kull post jew area li jiġu indikati f'avviż maħruġ mill-Kummissarju jew mill-Awtorità u permezz ta' sinjali u marki li jsiru skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, L.S. 65.05

fejn l-ipparkjar projbit tal-vetturi jagħti lok li jitwaħħlu klampi mar-roti jew l-irmonk 'l barra ta' dawk il-vetturi minn dik iż-żona, skont il-każ.

Rimozzjoni ta' oġġetti ta' ingombru u vetturi oħra.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 405 tal-2003;*
*A.L. 291 tal-2004;*
*A.L. 47 tal-2006;*
*A.L. 197 tal-2009;*
*A.L. 260 tal-2011;*
*A.L. 123 tal-2017;*
*A.L.48 tal-2018.*

**3.** (1) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jew l-Aġenzija jista' jneħħi, jaħżen u jiddisponi minn kull oġġett ta' ingombru li jkun qiegħed joħloq xi diżordni, inkonvenjent jew ostaklu u li jkun qiegħed f'post jew f'*area* li ma jkunux permessi skont il-liġi li jintużaw għal dak l-iskop, jew jekk dak il-post jew *area* jkunu speċifikament indikati bħala żona ta' rmonk:

Iżda oġġett ta' ingombru li jkun ġie mneħħi jew maħżun jew li jkun għadu fil-proċess li wieħed jiddisponi minnu, m'għandux jiġi ritornat lil sidu qabel ma jkun tħallas id-dritt impost mill-Kummissarju jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill, skont dawn ir-regolamenti.

Klampjar u rimozzjoni ta' vetturi bil-mutur.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 260 tal-2011;*
*A.L. 123 tal-2017*

**4.** (1) Il-Kummissarju jew il-Kunsill jista' jqiegħed klampi mar-roti ta' kull vettura li tkun qegħda pparkjata jew imħollija f'area speċifikament indikata bħala żona ta' klampjar.

(2) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jistgħu wkoll jneħħu, jaħżnu u jiddisponu jew iqiegħdu klampi mar-roti ta':

(*a*) kull vettura bil-mutur li ma jkollhiex liċenza ta' ċirkolazzjoni valida maħruġa mill-Awtorità mwaħħla mal-ħġieġa ta' quddiem tagħha;

(*b*) kull vettura bil-mutur illi l-liċenza ta' ċirkolazzjoni tagħha tkun skadiet b'aktar minn xahar li jiġi kkalkulat mill-aħħar ġurnata tax-xahar fis-sena kalendarja murija jew indikata fil-liċenza mwaħħla mal-ħġieġa ta' quddiem ta' dik il-vettura bil-mutur;

L.S. 368.02.

(*ċ*) kull vettura bil-mutur li tinġieb Malta minn xi Stat Membru ieħor taħt kuntratt ta' kiri jew *leasing* u li ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur;

(*d*) kull vettura bil-mutur bi pjanċi ta' reġistrazzjoni barranin li ma tkunx debitament liċenzjata għall-użu fit-triq f'Malta;

(*e*) kull vettura bil-mutur, kemm jekk bi pjanċi ta' reġistrazzjoni Maltin jew barranin, li ma tkunx konformi mal-liġijiet u r-regolamenti kollha applikabbli sabiex tali vettura tkun tista' tintuża fit-triq f'Malta skont il-liġi; u

Kap. 368.

(*f*) kull vettura oħra bil-mutur li tkun fit-triq bi ksur tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u kull regolament li jsir taħtu:

Iżda fil-każ ta' vettura bil-mutur li tkun ġiet klampjata jew imneħħija mit-triq skont il-paragrafi (*a*) jew (*b*), dik il-vettura bil-mutur ma għandhiex tingħata lura lil sidha kemm-il darba u sakemm il-liċenza tat-triq ta' dik il-vettura bil-mutur flimkien ma' kull dritt amministrattiv dovut lill-Awtorità ma jkunux ġew imħallsa flimkien mad-dritt impost mill-Kummissarju, jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill kif stipulat fir-regolament (9)(*a*), (*b*) u

(*ċ*).

**5.** Il-klampi tar-roti la għandhom jitneħħew mill-Kummissarju jew il-Kunsill jew l-Awtorità u lanqas m'għandha l-vettura tiġi ritornata lil sidha qabel ma jkun tħallas id-dritt impost mill-Kummissarju jew il-Kunsill jew l-Awtorità skont dawn ir-Regolamenti:

Jitneħħew il-klampi.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 260 tal-2011.*

Iżda jekk sid il-vettura klampjata jonqos milli jħallas dak id-dritt fi żmien raġonevoli li ma jkunx aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa, il-vettura klampjata tiġi mneħħija miż-żona ta' klampjar, u jibdew japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 9(*a*), (*b*) u (*ċ*).

**6.** Il-Kummissarju jew il-Kunsill jew l-Aġenzija , meta jkun japplika, l-Awtorità mhumiex responsabbli għad-danni li jiġu kaġunati meta jitqiegħdu l-klampi jew meta jitneħħew, u l-ħażna u r-rimozzjoni ta' oġġetti ta' ingombru jew vetturi abbandunati, skont ir-regolamenti 3, 4, 5, 8 u 8A:

Eżenzjoni minn responsabbiltà.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 123 tal-2001;*
*A.L. 197 tal-2009;*
*L.N.123 of 2017;*
*A.L.48 tal-2018.*

**7.** (1) Il-Kummissarju jew il-Kunsill jew l-Awtorità jew l-Aġenzija għandhom jippubblikaw avviż tar-rimozzjoni fil-Gazzetta, li fih jiddeskrivi l-oġġett ta' ingombru jew il-vettura bil-mutur mneħħi u jssemmi l-post eżatt mnejn dan ikun tneħħa.

Avviż tar-rimozzjoni u magazzinaġġ.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 197 tal-2009;*
*A.L 48 tal-2018*

(2) Il-Kummissarju jew il-Kunsill jew l-Awtorità jewl-Aġenzija għandhom isemmu wkoll fl-istess avviż il-post fejn l-oġġett ta' ingombru jew il-vettura bil-mutur ikun qiegħed jiġi magazzinat.

**8.** (1) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jew l-Aġenzija għandhom jordnaw il-bejgħ ta' oġġett ta' ingombru jew ta' vettura bil-mutur meta l-oġġett ta' ingombru ma jitteħidx lura mis-sid leġittimu tiegħu u meta l-vettura bil-mutur ma titteħidx lura mill-persuna li għandha f'isimha ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' avviż ta' rimozzjoni mill-Kummissarju jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill fil-Gazzetta u f'ġurnal lokali ieħor li bih isejjaħ lil dak is-sid jew lil dik il-persuna li għandha f'isimha ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, skont il-każ, sabiex jieħu lura dak l-oġġett jew vettura bil-mutur wara li jġib prova tat-titolu tiegħu għal dak l-oġġett jew iġib prova li għandu f'ismu ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur..

X'isir mill-oġġetti ta' ingombru.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 123 tal-2001;*
*A.L. 197 tal-2009;*
*L.N.123 of 2017.*
*A.L 48 tal-2018*

(2) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jew l-Aġenzija għandu jutilizza l-flus tal-bejgħ l-ewwel sabiex jitħallas kull dritt dovut lilu għar-rimozzjoni jew għall-magazzinaġġ, kif ukoll il-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni, multi amministrattivi, tariffi amministrattivi, xi multi imposti b'ordni jew b'deċiżjoni tal-Qorti jew ta' xi tribunal, arretrati tal-ħlasijiet tal-liċenza taċ-ċirkolazzjoni u kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità; u mbagħad wara sabiex jirrifondi kull bilanċ li jifdal favur dawk il-persuni li kien ikollhom jedd li jieħdu lura l-oġġett ta' ingombru jew vettura bil-mutur.

(3) Kull bejgħ li jsir skont is-subregolament (1) għandu jsir jew b'irkant pubbliku jew wara sejħa għall-offerti.

(4) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jew l-

Aġenzija jista' jiddisponi, fid-diskrezzjoni tiegħu, minn dawk l-oġġetti ta' ingombru jew vetturi bil-mutur li ma jkunux ġew ritornati jew mibjugħa, b'irkant pubbliku jew wara sejħa għall-offerti, wara li jkun avża mill-inqas ħmistax-il ġurnata qabel lill-Ministru responsabbli għall-Finanzi.

(5) Meta l-oġġett ta' ingombru li jitneħħa minn postu jkun biċċa tal-baħar li ma tkunx itwal minn 24 metru, il-Kummissarju jew il-Kunsill, skont il-każ, għandu javża lill-uffiċjal marittimu bil-miktub fi żmien tmint ijiem minn dik it-tneħħija minn postu bil-partikolaritajiet tar-reġistrazzjoni ta' dik il-biċċa tal-baħar u l-mod u ċ-ċirkostanzi kif dik il-biċċa tal-baħar tkun tinsab għandu.

Tneħħija ta' vettura abbandunata. *Miżjud: A.L. 123 tal-2001. Emendat: A.L. 405 tal-2003; A.L. 408 tal-2007; A.L. 123 tal-2017.*

**8A.** (1) Fil-każ li l-oġġett li għandu jitneħħa jkun vettura abbandunata, il-Kummissarju jew il-Kunsill jista' jwaħħal avviż mal-vettura, li fuqu jiġi indikat li l-oġġett ikun qiegħed jitqies bħala vettura abbandunata. F'dan l-avviż għandhom jiġu inklużi:

(*a*) id-data meta l-avviż ikun twaħħal fuq il-vettura abbandunata;

(*b*) twissija li tkun tgħid li jekk il-vettura abbandunata ma titneħħiex minn hemm fi żmien tmint ijiem mid-data tal-avviż maħruġ skont il-paragrafu (*a*), dik il-vettura tkun se titneħħa mill-Kummissarju jew l-Awtorità jew mill-Kunsill, skont il-każ, għas-spejjeż tas-sid, jekk dan ikun magħruf.

(2) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill għandu minnufih ineħħi dik il-vettura abbandunata, jew jordna t-tneħħija tagħha minn fejn tkun wara li jgħaddi ż-żmien mogħti fl-avviż maħruġ skont is-subregolament (1).

(3) Vettura abbandunata li tiġi mneħħija mill-Kummissarju jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill skont il-proċeduri msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) għandha tinbiegħ jew tinqered wara li tinħareġ ordni mill-Kummissarju jew mill-Kunsill jekk dik il-vettura ma tkunx ġiet mitluba li tingħata lura lill-persuna li għandha f'isimha ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tagħha fi żmien tliet ijiem minn meta l-vettura tkun tneħħiet minn xi wieħed minnhom skont dawn ir-regolamenti:

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissarju jew tal-Awtorità jew tal-Kunsill li jagħmel mill-vettura abbandunata kif hawn qabel imsemmi, il-Kummissarju jew il-Kunsill għandu jimponi ħlas ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500)

Avviż li għandu jingħata lill-Awtorità. *Miżjud: A.L. 123 tal-2001. Emendat: A.L. 197 tal-2009.*

**8B.** Il-Kummissarju jew il-Kunsill għandhom jgħarrfu lill-Awtorità bil-miktub fi żmien tmint ijiem minn meta jieħdu pussess ta' xi vettura, kemm jekk abbandunata kemm jekk mhix, bħala konsegwenza ta' xi azzjoni li huma jkunu wettqu skont dawn ir-regolamenti u l-mod u ċ-ċirkostanzi kif il-vettura tkun ġiet fil-pussess tagħhom:

Iżda il-Kummissarju jew il-Kunsill ma jenħtieġux li javżaw lill-Awtorità fil-każ li dik il-vettura tkun ġiet mitluba lura mis-sid leġittimu tagħha fi żmien it-tmint ijiem speċifikati taħt dan ir-regolament.

**9.** Għandhom jitħallsu lill-Kummissarju jew lill-Kunsill jew l-Aġenzija jew, fejn ikun japplika, lill-Awtorità dawn id-drittijiet li ġejjin:

Drittijiet li jinġabru mill-Kummissarju jew mill-Kunsill jew mill-Awtorità.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 123 tal-2001;*
*A.L. 405 tal-2003;*
*A.L. 408 tal-2007;*
*A.L. 197 tal-2009;*
*A.L. 260 tal-2011;*
*A.L. 123 tal-2017;*
*A.L 48 tal-2018*

(*a*) biex jitneħħew il-klampi ..................... €180

(*b*) għar-rilaxx, l-irmonk jew it-tneħħija ta' oġġett ta' ingombru jew tal-vettura abbandunata jew ta' xi vettura oħra mneħħija taħt dawn ir-regolamenti u għall-ħażna tagħha matul l-ewwel 24 siegħa jew parti minnhom .................. €200

(*ċ*) għall-magazzinaġġ tal-oġġett ta' ingombru jew vettura abbandunata jew ta' xi vettura oħra mneħħija taħt dawn ir-regolamenti wara l-ewwel 24 siegħa, għal kull ġurnata jew parti minnha ....... €15

(*d*) għat-tneħħija ta' vetturi abbandunati jew ta' xi vettura oħra mneħħija taħt dawn ir-regolamenti ............................ €2,500:

Iżda meta jidħlu spejjeż oħra li jkunu iżjed minn kull dritt partikolari imsemmi fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*), il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jkollu d-dritt ukoll li jiġbor dawk l-ispejjeż u sussegwentement li jnaqqashom minn dak li jdaħħal mill-bejgħ jew rimozzjoni ta' oġġett u li jesiġi l-pagament relattiv tagħhom qabel ma jitlaq minn taħt idejh l-oġġett sew lis-sid leġittimu tiegħu sew lix-xerrej fil-każ ta' bejgħ bl-irkant.

**10.** Kull miżura li tittieħed mill-Kummissarju jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill jew l-Aġenzija skont dawn ir-regolamenti tkun bla preġudizzju għal kull azzjoni kriminali jew ċivili oħra.

L-azzjonijiet kriminali u ċivili jibqgħu mhux preġudikati.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 197 tal-2009;*
*A.L.48 tal-2018*

**11.** (1) Kull persuna mhux awtorizzata li tittanta tneħħi, jew tneħħi, l-klampi li jitqiegħdu mar-roti ta' vettura, jew li tittanta tneħħi, jew tneħħi, vettura bi klampi mqiegħda mar-roti, jew oġġett ta' ingombru li jkun ġie mneħħi, magazzinat jew li jkun għadu fil-proċess li wieħed jiddisponi minnu skont ir-regolament 3, jew tittanta tneħħi, jew tneħħi, l-avviż imsemmi fir-regolament 8A(1), tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-Regolamenti.

Reati.
*Emendat:*
*A.L. 192 tal-1999;*
*A.L. 123 tal-2001;*
*A.L. 260 tal-2011.*

(2) Fil-każ ta' xi persuna li tostakola jew mod ieħor toħloq xi diżordni jew inkonvenjent permezz ta' oġġett ta' ingombru f'xi triq, moll, xatt jew post ieħor, il-qorti tista', fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, b'żieda mal-piena applikabbli għar-reat, twaħħal lil dik il-persuna piena addizzjonali li tkun ekwivalenti għad-drittijiet dovuti skont ir-regolament 9.

*Imħassra:*
*A.L. 123 tal-2017.*

SKEDA

*(Imħassar b'Avviż Legali 123 tal-2017.)*